# REĠJUN ĊENTRU

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali 7

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

L-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida

ASSENTI

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

7.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qari l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Stephen Sultana, Kieth Tanti u tas-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l- ittri ta' apoloġija.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 5 li saret nhar l-Erbgħa 14 ta' Jannar 2017 u l-minuti tas-Seduta Nur 6 li saret b'urġenza nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2018, kienu meħuda bħala moqrija.

7.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 7.3 Komunikazzjoni mill-President

7.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ma kellu l-ebda komunikazzjoni.

## 7.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

7.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

7.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 7.5 Rapporti

7.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi mressaq f'din il-laqgħa peress li dan ir-Reġjun qed jistenna mingħand l-awdituri wara li sar l-awditjar bejn it-Tnejn 19 ta' Frar u l-Ħamis 22 ta' Frar 2018.

## 7.6 Sejħa għal Servizz ta' Espert Estern għal Taħriġ, Sapport, Identifikazzjoni ta' Opportunitajiet fil-Fondi ta' l-UE għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali

7.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri kif din is-sejħa ġiet magħluqa nhar it-Tnejn 26 ta' Frar 2018 fid-9:30 ta' filgħodu w nofs siegħa wara l-offerti ġew miftuħa. Hu spjega kif b'kollox kien hemm erba' offerti u kif il-bord ta' l-evalwaturi magħmul minn Dott. Richard Sladden, is-Sur Ray Pellicano, is-Sur Daniel Galea flimkien

mieghu u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu nhar it-Tlieta 13 ta' Marzu 2018 fit-3:30pm. Għal din ir-raġuni huwa ressaq rapport ta' evalwazzjoni għall-approvazzjonli tal-membri preżenti.

7.6.2 Wara diskussjoni qasira dwar l-offerti ppreżentati għal din is-sejħa, il-membri unanimament qablu li din is-sejħa għandha tingħata lill-irħas offerta.

7.6.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, issuġġerixxa li l-kumplament tas-somma li mhux ser tkun użata għal din is-sejħa għandha tingħata bħala *co-financing* lil dak il-Kunsill Lokali li jkun ser japplika għal proġett.

7.6.4 Is-Sindku ta' Tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, irrimarka li jekk Kunsill Lokali jkun ħa sehmu darba, wieħed għandu jgħati ċans lil Kunsill Lokali ieħor.

7.6.5 Il-President ikkonferma dan u żied jgħid ukoll kif fix-xhur li ġejjin ser jinħarġu fondi dwar *renewable energy* b'mod speċjali fejn jidħol id-dwal tat-toroq.

7.6.6 *17:43 – Il-Viċi Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, waslet għal din il-laqgħa.*

## 7.7 Proġetti mill-Fondi Mgħotija mill-Aġenzija tas-Sistema ta' l-Infurzar Lokali (LESA)

7.7.1 Il-President informa lill-membri li waqt il-laqgħa ta' l-AKL li saret nhar it-Tlieta 6 ta' Marzu 2018 huwa ressaq it-talba f'isem dan ir-Reġjun. Din it-talba ġiet milquha minn dan il-Kumitat u għalhekk il-preparamenti jistgħu jibdew.

7.7.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif minħabba l-interessi tal-bank, dan ir-Reġjun ser jieħu €96,625.05. Għal din ir-raġuni fil-jiem li ġejjin ser tinħareġ sejħa għall-offerti dwar l-istampar sabiex jinħareġ ktieb tar-Reġjun sa Diċembru 2018. Dan id-dokument qiegħed jitressaq għall-approvazzjoni tal-membri f'din il-laqgħa.

7.7.3 Il-membri preżenti unanimament approvaw it-*tender document*.

7.7.4 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega wkoll kif it-tieni parti tal-proġett ser jiffoka fuq attivitajiet sportivi. Hu spjega kif ser issir *Sports Day* bejn l-iskejjel kollha li jaqgħu fi ħdan ir-Reġjun. Ser isiru wkoll attivitajiet oħra bħal ġiri tal 5 km li ssir f'Birkirkara, Ħal Lija u Ħal Balzan. Bażikament dan ir-Reġjun ser ikun qed jieħu ħsieb jinxtraw il-medalji ta' parteċipazzjoni u trofej għal min jiġi fl-ewwel tliet postijiet. Attivitá oħra ser tkun fuq għawn f'Tas-Sliema kif ukoll *fun run* bir-roti fl-inħawi ta' Ta' Qali. Ser isir ukoll kampjonat tal-futbol bejn in-nurseries taħt il-ħmistax-il sena fejn fiha ser ikunu mistednin grupp mill-Juventus u mill-Lazio. Dan ser isir f'Ottubru 2018.

7.7.5 Is-Sur Anthony Chrircop staqsa jekk Ottubru hux żmien tajjeb għat-tfal peress li jkunu għadhom kif irritornaw lura l-iskola.

7.7.6 Il-President spjega kif dan huwa l-unika żmien peress li ma jkunx għadu beda l-*league*. Żied jgħid kif fil-laqgħa li jmiss għandhom jingħataw aktar dettalji dwar dan.

## 7.8 Sejħa għal Servizz ta' 'Pre-Press, Printing, Binding, Slipcase, Packing and delivery of an Illustrated Book'

7.8.1 Il-President spjega kif dan il-punt huwa marbut mal-punt preċedenti. Għal din ir-raġuni l-President ressaq fuq il-mejda kopja tat-*tender document* għall-approvazzjoni.

7.8.2 Il-membri prezenti unanimament approvaw dan id-dokument.

7.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, fakret lill-membri li r-Reġjun għandu jagħżel tliett persuni sabiex iservu ta' evalwaturi wara li s-sejħa tkun għalqet.

7.8.4 Għal din ir-raġuni, l-President issuġġerixxa li l-bord ta' l-evalwaturi għandu jkun kompost mill-*accountant*, is-Sur Daniel Galea, mill-avukat, Dott. Richard Sladden, kif ukoll mis-Sur Ray Pellicano bħala espert.

7.8.5. Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 7.9 Sejħa għal Servizz ta' *Mechanical Engineer*

7.9.1 Il-President informa lill-membri kif din is-sejħa ta' tliet snin ser tintemm fl-aħħar ta' dan ix-xhar u għal din ir-raġuni dan ir-Reġjun għandu jieħu deċizzjoni dwar jekk hux ser jitkompla jipprovdi dan is-servizz.

7.9.2 Fuq approvazzjoni unanima mill-membri preżenti, Il-President spjega kif din is-sejħa ser tinħareġ fuq is-sistema ta' l-epps fil-jiem li ġejjin. Peress li s-sistema sabiex jintagħżel il-kuntrattur tieħu ftit taż-żmien, dan ir-Reġjun għandu jinforma lil kumpanija A.M.E. Health & Safety Services Ltd sabiex ikompli jipprovdi dan is-servizz sakemm jibda l-kuntrattur l-ġdid.

7.9.3 Huwa żied jgħid li s-servizz ta' inspezzjonijiet fuq siti ta' kostruzzjoni ser ikollu jitwaqqaf peress li dan ma jaqax taħt il-kompitu tar-Reġjun. Għal din ir-raġuni l-kuntrattur kif ukoll il-Kunsilli Lokali ser jiġu notifikati kif dan is-servizz ser jintemm fl-aħħar ta' dan ix-xhar fil-jiem li ġejjin.

7.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, fakret lill-membri li r-Reġjun għandu jagħżel tliett persuni sabiex iservu ta' evalwaturi wara li s-sejħa tkun għalqet.

7.9.5 Għal din ir-raġuni, l-President issuġġerixxa li l-bord ta' l-evalwaturi għandu jkun kompost mill-accountant, is-Sur Daniel Galea, mill-avukat, Dott. Richard Sladden, kif ukoll mis-Sur Ray Pellicano bħala espert.

7.9.6 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 7.10 Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-Ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-Responsabiltà tal-Kunsilli Lokali

7.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun irċieva total ta' erba'

applikazzjonijiet mingħand il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex, Iklin, San Ġiljan u San Ġwann sad-data ta' l-għeluq. Il-pagamenti relatati ma' din l-inizjattiva huma nklużi fl-iskeda ta' pagamenti li ser ikunu approvati f'din il-laqgħa.

7.10.2 Huwa fakkar kif il-kumplament ta' l-applikazzjonijiet għandhom estenzjoni sa' l-aħħar t'April 2018.

## 7.11 *Inizjattiva Finanzjarja – Community Innovation Fund (CIF)*

7.11.1 Il-President għamel referenza għal proġett ta' Birkirkara fejn spjega li qed jiġi prepparat sejħa ta' offerti dwar ix-xogħolijiet neċessarji li għandhom bżonn isiru fuq il-binja li hemm fil-preżent. Apparti minn hekk, ser jibdew il-preparamenti mill-kumpanija Creolabs u għal dan il-għan ġie preparat kuntratt għall-approvazzjoni tal-membri sabiex din il-kumpanija tkun tista' tipproċedi.

7.11.2 Il-membri preżenti unanimament approvaw dan il-kuntratt.

7.11.3 Is-Sur Michael Fenech Adami għamel referenza għal proġett f'Ta' Xbiex fejn spjega kif aktar kmieni dakinhar kienu saru diskussjonijiet bejn il-Kunsill u l-kumpanija Headstart Technology Ltd. Il-programm ser ikun mifrux fuq sitt/għaxar sezzjonijiet fejn ser jinżammu matul ix-xhur tas-sajf. Dan il-programm ser issir għal tliet sjuf konsekuttivi. Fil-ġimgħat li ġejjin ser jibdew il-preparamenti għal kampanja promozzjonali. Skond id-domanda wieħed ikun f'pożizzjoni aħjar biex jistabilixxi kemm-il grupp jista' jinħoloq. Għal dan il-proġett ser jinxtraw kompjuters. Aktar dettalji ser jingħataw 'il quddiem.

7.11.4 Il-Membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 7.12 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Aġġornament fuq il-ġbir ta' multi pendenti*

7.12.1 Il-President informa lill-membri kif nhar l-Erbgħa 14 ta' Frar 2018 ntbagħtu l-ittri legal ta' San Ġiljan. Ġew imħalsa 295-il ċitazzjoni li jirriżulta fi dħul ta' €26,502.91. Wara li ġiet imnaqsa l-ispiża ta' l-avukat ta' €8132.41, il-Kunsill ta' San Ġiljan ser jingħata l-ammont ta' **€18,370.50**. Nhar l-Erbgha 21 ta' Frar 2018 ntbagħtu l-ittri legali ta' Birkirkara fejn ġew imħalsa 117-il ċitazzjoni li jirriżulta fi dħul ta' €5,944.48. Wara li ġiet imnaqsa l-ispiża ta' l-avukat ta' €5,611.58, il-Kunsill ta' Birkirkara ser jingħata l-ammont ta' **€332.90**. Nhar l-Erbgħa 28 ta' Frar 2018, ntbagħtu l-ittri legali ta' tas-Sliema fejn ġew imħalsa 150-il ċitazzjoni li jirriżulta fi dħul ta' €8,299.27. Wara li ġiet imnaqsa l-ispiża ta' l-avukat ta' €5,986.29, il-Kunsill ta' tas-Sliema ser jingħata l-ammont ta' **€2,312.98**. Dawn il-pagamenti huma mniżlin fl-iskeda ta' ħlasijiet li ser ikunu ppreżentati f'din il-laqgħa. Fil-jiem li ġejjin ser jintbagħtu tal-Gżira, Santa Venera u Ta' Xbiex.

7.12.2 Il-Presidenti nforma lill-membri kif il-Kunsill ta' San Ġwann approva li joħorġu dawn l-ittri legali wkoll għall-ewwel darba.

7.12.3 *17:58pm – is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

- *Aġġornament fuq il-BYE-laws*

7.12.4 Il-President spjega kif nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu 2018, dan ir-Reġjun irċieva l-ewwel draft tal- Bye Law fuq l-iskart domestiku mingħand l-Avukat Dott. Sladden. Is-Sur Fenech Adami spjega kif dan id-dokument huwa fuq termini ġenerali u l-membri għandhom jindikaw ir-rekwiżiti tal-lokalità tagħhom.

7.12.5 Għal din ir-raġuni kopja ta' dan ir-rapport ġie imqassam lil kull membru preżenti.

- *E-mail mill-Kunsill Lokali ta' l-Imsida*

7.12.6 Dan ir-Reġjun irċieva talba mressqa minn dan il-Kunsill sabiex jinfurmana li meta kienu saru xogħolijiet fis-sena 2017 fuq bankini fi Triq l-Universita', ic-Cirklu ta' l-Imsida u Triq Kalċidon Scembri, il-Kunsill kien ħallas ukoll is-somma ta' €6,141.84 mill-fondi mgħotija mir-Reġjun sabiex saru xogħolijiet fuq il-*mains* ta' l-ilma meta kienu saru xogħolijiet.

7.12.7 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *E-mail mingħand l-EU Affairs – Proġett taħt il-Programm LIFE+ - Talba għal xi informazzjoni mill-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali.*

7.12.8 Il-President ressaq fuq il-mejda din il-korrispondenza u ppropona li dan ir-Reġjun għandu jitlob għal vettura sabiex tkun tista' taqdi lill-ħaddiema ta' l-RSSL sabiex ikunu jistgħu jġorru materjal u għodda.

7.12.9 Huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tieħu ħsieb tinfurmhom dwar dan kif ukoll tindikalhom fejn għandha titwaħħal ir-*recharging station* kif ukoll tindika liema parkeġġ għandu jkun riservat għal dan l-iskop.

7.12.10 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Ħlas ta' 10% Commission lil LESA*

7.12.11 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri peżenti dwar il-ħlas pendenti ta' **€3,225.95** li jkopri bejn April 2016 sa Frar 2018. Huwa fakkar kif fil-laqgħa numru 85 kien ġie deċiz li dan il-ħlas m'għandux isir mir-Reġjun peress li dan ir-Reġjun qed iħallas għall-ispejjez kollha relatati max-xogħol tat-Tribunal. Il-President ippropona li dan il-ħlas xorta ma jsirx minn dan ir-Reġjun.

7.12.12 Il-Membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Laqgħa Annwali Ġeneral 2018*

7.12.13 Il-President informa lill-membri li din il-laqgħa ser tinżamm nhar is-Sibt 5 ta' Mejju 2018 ġewwa ċ-Ċentru Parrokjali ta' Ħ'Attard fit-8:30 ta' filgħodu. Għal din il-laqgħa ser ikunu mistidnin l-On. Dr. Owen Bonnici, l-On. Silvio Parnis, l-On. Robert Cutajar, it-tliet diretturi tal-Gvern Lokali (is-Sur Natalino Attard, is-Sur Adrian Mifsud, u is-Sinjura Marisa Pisani), flimkien mal-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava. Waqt din il-laqgħa ser jingħata rapport amministrattiv mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea u rapport finanzjarju mill-Accountant ta' dan ir-Reġjun, is-Sur Daniel Galea.

7.12.14 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *E-mail mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard*

7.12.15 Il-President ressaq fuq il-mejda it-talba mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex jiġu approvati x-xogħolijiet li saru f'Ġnien Ħal Warda biex sar *safety flooring* għal total ta' €8,271.50.

7.12.16 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Kontijiet mal-Melita*

7.12.17 Il-President informa lill-membri sabiex il-kontijiet li dan ir-Reġjun għandu mal-kumpanija Melita jgħajtu lir-Reġjun u mhux lis-Segretarju Eżekuttiv.

7.12.18 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 7.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

7.13.1 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mis-Sinjura Magda Magri Naudi Birkirkara, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6A u 6B.

7.13.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 7.14 **Mozzjonijiet**

7.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 7.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

7.15.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:15pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' April 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 25 ta' April, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |